MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 653/2013

**Fava Trading Limited (C-21368)**

**Vs**

**Central Catering Co. Ltd. (C-48688) u Mark Nurton (K.I.311867M)**

***(Fil-konfront tal-konvenut Mark Nurton biss.)***

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi:-

Matul is-sena elfejn u tnax (2012) is-socjeta' rikorrenti ssupplixxiet diversi prodotti lill-intimati, primarjament prodotti ta' tindif, u dan fil-fond kummerjali li kien maghruf bhala 'Tang' fi Triq Marsamxett, il-Belt Valletta, u dan fuq struzzjonijiet taghhom stess;

Illi l-konsiderazzjoni dovuta lir-rikorrenti ghal dawn il-prodotti hija ta' erba' mija u hmistax-il ewro u hmistax-il centezmu (€415.15);

Illi dan kif jidher minn diversi invoices, kopji ta' liema qeghdin jigu annessi, ezebiti u mmarkati 'Dok A' sa 'Dok F', liema invoices, salv ghal wahda, gew iffirmati mill-intimat Mark Nurton, kif ukoll mill-istatement anness u mmarkat 'Dok G';

Illi minkejja diversi 'nterpellazzjonijiet bonarji kif ukoll interpellazzjoni gudizzjarja lil-intimata Central Trading Co. Ltd. permezz ta' ittra ufficjali mibghuta *ai termini* tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, datata tletin (30) ta' Lulju, elfejn u tlettax (2013) (kopja ta' liema qeghda tigi annessa u mmarkata bhala 'Dok H'), liema ittra giet respinta, sabiex jersqu ghall-hlas tal-ammont surriferit, l-intimati baqghu 'nadempjenti;

Illi ghalhekk ghada dovuta s-somma ta' erbgha mija u hmistax-il ewro u hmistax-il centezmu (€415.15) liema somma hija certa, likwida u dovuta;

Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti titlob lil dan it-Tribunal sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarji u opportuni:

1. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom huma debituri fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' erbgha mija u hmistax-il ewro u hmistax-il centezmu (€415.15).

Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti, kif ukoll tal-ittra ufficjali mmarkata bhala Dok 'H'- annessa ma l-inkartament tal-Avviz tat-Talba pprezentat mis-Socjeta' attrici- kontra l-intimati jew min minnhom.

Rat li s-socjeta' konvenuta Central Catering Co. Ltd pprezentat risposta fir-Registru ta' dan it-Tribunal nhar l-14 ta' Jannar 2014.

Ra li l-konvenut Mark Nurton baqgha qatt ma prezenta risposta ghalkemm debitament notifikat skont il-ligi.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-16 ta' Gunju, 2014 mill-Avukat Dr Lauro Fava fil-konfront tal-konvenut Mark Nurton. Ra wkoll il-fatt li filwaqt s-Socjeta' konvenuta Central Catering Co. Ltd pprezentat risposta fir-Registru ta' dan it-Tribunal nhar l-14 ta' Jannar, 2014, il-konvenut Mark Nurton baqgha qatt ma prezenta risposta ghalkemm debitament notifikat skont il-ligi u barra minnhekk naqas milli jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr fil-konfront ta' l-istess konvenut Mark Nurton.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut Mark Nurton naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici kif dedotta fl-Avviz ta' din it-talba fir-rigward tal-konvenut Mark Nurton u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitluba fl-Avviz ta' din it-talba u dejjem skont il-ligi u dan sal-pagament effettiv.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------